V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Kawża AT.40023 — Aċċess transfruntier għal televiżjoni bi ħlas

(2016/C 141/07)

1. Introduzzjoni

(1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ([1]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi - f'każijiet fejn tkun beħsiebha tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li jintemm xi ksur u li l-partijiet ikkonċernati joffru li jimpenjaw ruħhom biex jindirizzaw it-tħassib espress lilhom mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha - li tagħmel dawk l-impenji vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni.

(2) Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom sal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Sommarju tal-Każ

(3) Fit-23 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni adottat Stqarrija ta' Oġġezzjonijiet ("SO") li tikkonċerna, fost oħrajn, l-imġieba minn Paramount Pictures International Limited (bħala suċċessur permezz ta' fużjoni lil Viacom Global (Netherlands) B.V.) ("PPIL") u Viacom Inc. ("Viacom") (flimkien "Paramount"). L-SO tikkostitwixxi wkoll valutazzjoni preliminari fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

(4) Skont l-SO, Paramount daħlet fi ftehimiet tal-liċenzja max-xandar tat-televiżjoni bi ħlas, Sky UK Limited, li għandhom klawsoli li:

— jipprojbixxu jew jillimitaw Sky milli tagħmel disponibbli għall-bejgħ is-servizzi ta' televiżjoni bi ħlas bħala tweġiba għal talbiet mhux mixtieqa minn klijenti li jgħixu jew jinsabu fiż-ŻEE iżda barra r-Renju Unit u r-Repubblika tal-Irlanda; u/jew

— jeħtieġu lill-Paramount li tipprojbixxi jew tillimita lil xandara li jinsabu fiż-ŻEE iżda barra r-Renju Unit u r-Repubblika tal-Irlanda milli jagħmlu disponibbli għall-bejgħ is-servizzi ta' televiżjoni bi ħlas tagħhom bħala tweġiba għal talbiet mhux mixtieqa minn klijenti li jgħixu jew jinsabu fir-Renju Unit u r-Repubblika tal-Irlanda (iż-żewġ tipi ta' klawsoli huma riferuti bħala l-"Klawsoli Kontestati").

(5) L-SO jasal għall-konklużjoni preliminari li l-imġieba tal-Paramount tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") minħabba: (i) li l-klawsoli għandhom bħala l-għan tagħhom ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE; (ii) li m'hemm l-ebda ċirkostanzi li jaqgħu fi ħdan il-kuntest ekonomiku u ġuridiku tal-klawsoli li jiġġustifikaw is-sejba li mhumiex responsabbli li jxekklu l-kompetizzjoni; u (iii) li l-klawsoli ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni skont l-Artikolu 101(3) tat-TFUE u l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102 rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa ("TFUE"). Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' din in-notifika, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn applikabbli.

(6) L-SO hu kkonċernat ukoll bl-imġieba fuq naħa waħda ta' Sky, u fuq in-naħa l-oħra, Disney, NBCUniversal, Sony, Twentieth Century Fox u Warner Bros. Il-Kummissjoni għadha qed tinvestiga l-kompatibbiltà mal-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE dwar l-imġieba ta' Disney, NBCUniversal, Sony, Twentieth Century Fox, Warner Bros u Sky (inkluża l-imġieba tal-aħħar kumpanija msemmija b'rabta mal-klawsoli msemmija hawn fuq fil-ftehimiet tal-liċenzja bejn Paramount u Sky).

3. **Il-Kontenut Prinċipali tal-Impenji Offruti**

(7) Paramount ma taqbilx mat-tħassib espress fl-SO. Hi madankollu offriet impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 biex tilqa' għat-tħassib ta' kompetizzjoni tal-Kummissjoni. L-elementi ewlenin tal-impenji huma li ġejjin:

(a) Paramount m'għandiex tidħol fi, iġġedded jew testendi Ftehim ta' Liċenzja ta' Output ta' televiżjoni bi ħlas ([1]) li, b'rispett ta' kwalunkwe territorju fiż-ŻEE, jintroduċi (mill-ġdid) kwalunkwe Obbligu Addizjonali. Dawn huma definiti bħala:

— obbligi kuntrattwali tat-tip identifikat fl-SO li jipprevjenu jew jillimitaw Xandar milli jwieġeb għal talbiet mhux mixtieqa minn klijenti li jgħixu u jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea iżda 'l barra mit-territorju liċenzjat tax-Xandar ("Obbligu tax-Xandar");

— obbligi kuntrattwali tat-tip identifikat fl-SO li jitolbu lil Paramount li tipprevjeni jew tillimita Xandara li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea iżda 'l barra mit-territorju liċenzjat tax-Xandar milli jwieġbu għal talbiet mhux mixtieqa minn klijenti li jgħixu u jinsabu 'l barra mit-territorju liċenzjat tax-Xandar ("Obbligu tal-Paramount");

(b) Paramount m'għandiex:

— tfittex li tinforza jew li tibda proċedimenti quddiem qorti jew tribunal għall-ksur tal-Obbligu tax-Xandar minn Ftehim ta' Liċenzja ta' Output ta' televiżjoni bi ħlas; u

— direttament jew indirettament iżżomm jew tinforza Obbligu tal-Paramount fi Ftehim ta' Liċenzja ta' Output ta' televiżjoni bi ħlas eżistenti.

(8) L-impenji tal-Paramount ikopru kemm servizzi lineari ta' televiżjoni bi ħlas u, sal-punt inkluż fil-liċenzja (jew liċenzja(i) separata(i)) ma' xandar, sottoskrizzjoni għal servizzi tal-midja awdjoviżiva ta' vidjows fuq talba ("SVOD").

(9) It-tul tal-impenji ikun ta' ħames snin mid-data meta Paramount tirċievi notifika formali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

(10) L-impenji huma ppubblikati kollha kemm huma bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni f':

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

4. **Stedina għall-Kummenti**

(11) Soġġet għall-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni beħsiebha tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara li l-impenji li jinsabu fis-sommarju ta' hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, huma vinkolanti.

(12) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-partijiet terzi interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kwalunkwe informazzjoni li jiddikjaraw li hija sigriet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra għandha titħassar u tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti kummerċjali" jew "kunfidenzjali".

(13) It-tweġibiet u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu motivati u għandhom jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi soluzzjoni possibbli.

([1]) "Ftehim ta' Liċenzja ta' Output ta' telviżjoni bi ħlas" kif definit bħala ftehim li jagħti liċenzja lil Xandar (bħala detentur ta' liċenzja) tal-output futur ta' detentur ta' liċenzja ta' films definiti fuq bażi esklussiva (u jista' jinkludi kontenut awdjoviżiv ieħor) għal perjodu limitat ta' żmien fejn ix-Xandar jista' juri l-films fuq bażi ta' televiżjoni bi ħlas, u sal-punt inkluż fil-liċenzja (jew liċenzja(i) separata(i) ma' tali Xandar, fuq bażi SVOD.

(14) Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza AT.40023 – Aċċess transfruntier għal televiżjoni bi ħlas jew bil-posta elettronika (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), inkella bil-faks (+32 22950128) jew bil-posta, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË